MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 366/2011

A B
-vs-

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-Parocca tas-Siggiewi nhar is-sebgha (7) ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi hawn annessa u mmarkat bl-ittra ‘A’;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifla li jisimha D li hija maggjorenni u gja kienet hekk fid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet, li dettalji dwaru ser jinghataw aktar il-quddiem f’dan ir-rikors;

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni li gie ppubblikat minn Nutar Dottor Isabelle Gonzi li kopja awtentika tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra ‘B’;

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness, gja ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali ta’ bejn il-partijiet;

Illi in oltre, jirrizulta wkoll mill-istess kuntratt fuq imsemmi, illi r-rikorrenti m’ghandu l-ebda obbligu ta’ hlas ta’ manteniment versu t-tifla D u dan billi hija maggjorenni, filwaqt illi huwa ssalda l-obbligu tal-manteniment versu martu l-intimata permezz ta’ hlas wiehed shih u ta’ darba wahda biss a tenur ta’ l-artikolu tlieta (3) ta’ dan il-kuntratt;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili ta’ Malta (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tippronunzja il-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien li jigi lilu ffissat ghal dan l-iskop minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija issottomettiet :

Illi in kwantu t-talbiet attrici fil-mertu hija tirrimetti ruhha ghad-decizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi in kwantu ghat-talba attrici sabiex l-esponenti tigi kkundannata thallas l-ispejjez gudizzjarji ta’ dawn il-proceduri l-esponenti topponi ghal din it-talba in kwantu

ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex ghandha tigi kkundannata thallas dawn l-ispejjez. L-esponenti ma kkommettiet l-ebda nuqqas u ghalhekk din it-talba fil-konfront taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Novembru, 2011;

Rat ir-risposta ta' l-intimata;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi ir-rekwiziti mehtieg mill-Ligi ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet gew sodisfatti u dana peress illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat in atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi fl-10 ta' Mejju 2007;

Illi Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi irrizulta ukoll illi t-tifla tal-partijiet illum il-gurnata hija maggorrenni, filwaqt illi r-rikorrenti issalda l-obbligu tal-manteniment versu l-intimata permezz ta' hlas wiehed shih u ta' darba a tenur ta' l-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet illi jinsab esebit a fol. 4 et seq ta' dan il-process;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzu bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------